REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/2164

tas-17 ta' Diċembru 2019

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 889/2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi fir-rigward tal-produzzjoni, it-tikkettar u l-kontroll organiku

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 2092/91 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 16(1) u (3)(a) u l-Artikolu 21(2) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 16(3)(b) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, diversi Stati Membri ppreżentaw dossiers dwar ċerti sustanzi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra, bil-ħsieb li jiġu awtorizzati u inklużi fl-Annessi I, II, VI u VIII tar-Regolament (KE) Nru 889/2008 ([2]). Dawk id-dossiers ġew eżaminati mill-Grupp ta' Esperti għall-Parir Tekniku dwar il-Produzzjoni Organika (l-EGTOP) u mill-Kummissjoni.

(2) Fir-rakkomandazzjonijiet tiegħu rigward il-fertilizzanti ([3]), l-EGTOP ikkonkluda, *inter alia*, li s-sustanzi "faħam bijoloġiku", "skart tal-molluski u qxur tal-bajd" u "aċidi umiċi u fulviċi" jikkonformaw mal-objettivi u l-prinċipji tal-produzzjoni organika. Għalhekk, dawk is-sustanzi jenħtieġ li jiġu inklużi fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 889/2008. L-EGTOP irrakkomanda wkoll li tiġi ċċarata d-definizzjoni ta' "karbonat tal-kalċju" stabbilita f'dak l-Anness.

(3) Fir-rakkomandazzjonijiet tiegħu fir-rigward tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ([4]), l-EGTOP ikkonkluda, *inter alia*, li s-sustanzi "maltodestrina", "perossidu tal-idroġenu", "terpeni (ewġenol, ġeranjol u timol)", "klorur tas-sodju", "ċerevisan" u piretrini minn pjanti oħra għajr il-*Chrysanthemum cinerariaefolium* jikkonformaw mal-objettivi u l-prinċipji tal-produzzjoni organika. Għalhekk, dawk is-sustanzi jenħtieġ li jiġu inklużi fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 889/2008. Barra minn hekk, l-EGTOP għamel rakkomandazzjonijiet rigward l-istruttura ta' dak l-Anness.

(4) Fir-rakkomandazzjonijiet tiegħu rigward l-għalf ([5]) l-EGTOP ikkonkluda, *inter alia*, li s-sustanzi "gomma tal-gwar" bħala addittiv tal-għalf, "estratt tal-qastan ħelu" bħala addittiv sensorjali, u "betaina anidru" bħala sustanza għall-annimali monogastriċi u ta' oriġini naturali jew organika biss, jikkonformaw mal-objettivi u l-prinċipji tal-produzzjoni organika. Għalhekk, jenħtieġ li dawk is-sustanzi jiġu inklużi fl-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 889/2008. F'dak l-Anness, ir-referenza għal xi addittivi tas-silaġġ mhijiex ċara u jeħtieġ li tiġi ċċarata sabiex tiġi evitata l-konfużjoni.

([1]) ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 889/2008 tal-5 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi fir-rigward tal-produzzjoni, it-tikkettar u l-kontroll organiku (ĠU L 250, 18.9.2008, p. 1).

([3]) Final report on fertilisers III https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/food-farming-fisheries/farming/documents/final-report-egtop-fertilizers-iii_en.pdf.

([4]) Final report on plant protection products IV https://ec.europa.eu/info/publications/egtop-reports-organic-production_en.

([5]) Final report on feed III and food V https://ec.europa.eu/info/publications/egtop-reports-organic-production_en.

(5) Fir-rakkomandazzjonijiet tiegħu rigward l-ikel ([6]) l-EGTOP ikkonkluda, *inter alia*, li s-sustanzi "gliċerol" bħala umidifikant f'kapsuli ta' ġell u fil-kisi tal-wiċċ f'pilloli, "bentonit" bħala għajnuna għall-ipproċessar, "L(+)aċidu lattiku, u idrossidu tas-sodju" bħala għajnuna għall-ipproċessar għall-estrazzjoni ta' proteini tal-pjanti u "trab tal-gomma tat-tara" bħala sustanza li tgħaqqad u "estratt tal-ħop u estratt tar-rożin tal-arżnu" fil-produzzjoni taz-zokkor jikkonformaw mal-objettivi u l-prinċipji tal-produzzjoni organika. Għalhekk, jenħtieġ li dawk is-sustanzi jiġu inklużi fl-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 889/2008. Barra minn hekk, l-EGTOP irrakkomanda li għat-trab tal-gomma tat-tara, għal-leċitini, għall-gliċerol, għall-gomma tal-ħarrub, għall-gomma tal-ġellan, għall-gomma arabika, għall-gomma tal-gwar u għax-xama' tal-karnawba, ikun meħtieġ li dawn jiġu prodotti b'mod organiku. Sabiex ikun hemm biżżejjed żmien għall-adattament għal dak ir-rekwiżit il-ġdid, jenħtieġ li l-operaturi jingħataw perjodu ta' tranżizzjoni ta' tliet snin.

(6) Fl-Anness VIIIa tar-Regolament (KE) Nru 889/2008, xi referenzi għall-ismijiet ta' addittivi mhumiex preċiżi u jeħtieġ li jiġu ċċarati sabiex tiġi evitata l-konfużjoni.

(7) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 889/2008 jiġi emendat skont dan.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar il-produzzjoni organika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 889/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Anness I huwa sostitwit bit-test fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(2) L-Anness II huwa sostitwit bit-test fl-Anness II ta' dan ir-Regolament;

(3) l-Anness VI huwa sostitwit bit-test fl-Anness III ta' dan ir-Regolament;

(4) l-Anness VIII huwa sostitwit bit-test fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament;

(5) L-Anness VIIIa huwa sostitwit bit-test fl-Anness V ta' dan ir-Regolament;

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([6]) Final report on food IV and final report on feed III and food V https://ec.europa.eu/info/publications/egtop-reports-organic-production_en.

ANNESS I

"ANNESS I

Il-fertilizzanti, il-kondizzjonaturi tal-ħamrija u n-nutrijenti msemmija fl-Artikolu 3(1) u fl-Artikolu 6d(2)

Nota:

A: awtorizzati skont ir-Regolament (KEE) Nru 2092/91 u ttrasportati bl-Artikolu 16(3)(c) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007

B: awtorizzati skont ir-Regolament (KE) Nru 834/2007

Awtorizzazzjoni	Isem Prodotti komposti jew prodotti li fihom biss materjali elenkati hawn taħt:	Deskrizzjoni, rekwiżiti tal-kompożizzjoni, kundizzjonijiet għall-użu
A	Demel mill-irziezet	Prodott li jinkludi taħlita ta' ħmieġ tal-annimali u materjal magħmul mill-ħaxix (il-friex tal-annimali). Hija pprojbita l-oriġini mill-agrikultura industrijali
A	Demel niexef prodott fl-azjenda u demel dižidratat tat-tjur	Hija pprojbita l-oriġini mill-agrikultura industrijali
A	Ħmieġ kompost tal-annimali, inkluż demel tat-tjur u inkluż demel kompost tar-razzett	Hija pprojbita l-oriġini mill-agrikultura industrijali
A	Ħmieġ tal-annimali likwidu	Użu wara fermentazzjoni kkontrollata u/jew dilwizzjoni xierqa Hija pprojbita l-oriġini mill-agrikultura industrijali
B	Taħlita bil-kompost jew iffermentata ta' skart domestiku	Prodott miksub minn skart domestiku isseparat mill-bidu, li jkun ġie soġġettat għall-proċess biex isir kompost jew għall-fermentazzjoni anaerobika għall-produzzjoni tal-bijogass Unikament skart domestiku veġetali u tal-annimali Meta jkun prodott biss f'sistema ta' ġbir magħluqa u mmonitorjata, aċċettat mill-Istat Membru. Konċentrazzjonijiet massimi f'mg/kg ta' materja niexfa: kadmju: 0,7; ram: 70; nikil: 25; ċomb: 45; żingu: 200; merkurju: 0,4; kromju (total): 70; kromju (VI): mhux osservabbli
A	Pit	L-użu huwa limitat għall-ortikultura (ortikultura kummerċjali, fjorikultura, arborikultura, mixtla)
A	Skart tal-kultura tal-faqqiegħ	Il-kompożizzjoni inizjali tas-substrat għandha tkun limitata għall-prodotti ta' dan l-Anness
A	Eskrementi tad-dud (vermikompost) u tal-insetti	
A	Gwanu	
A	Taħlita bil-kompost jew iffermentata ta' materja veġetali	Prodott miksub minn taħlitiet ta' materja veġetali, mgħoddi minn proċess biex isir kompost jew minn fermentazzjoni anaerobika għall-produzzjoni tal-bijogass
B	Diġestat tal-bijogass li jkun fih prodotti sekondarji tal-annimali kodiġeriti b'materjal ta' oriġini mill-pjanti jew mill-annimali kif elenkati f'dan l-Anness	Prodotti sekondarji tal-annimali (inkuż prodotti sekondarji tal-annimali selvaġġi) tal-kategorija 3 u l-kontenut tas-sistema diġestiva tal-kategorija 2 (il-kategoriji 2 u 3 kif iddefiniti fir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1])) ma jridux joriġinaw minn biedja industrijalizzata Il-Proċessi jridu jkunu f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011. Ma għandux jiġi applikat għall-partijiet tal-għalla li jittieklu

Awtorizzazzjoni	Isem Prodotti komposti jew prodotti li fihom biss materjali elenkati hawn taħt:	Deskrizzjoni, rekwiżiti tal-kompożizzjoni, kundizzjonijiet għall-użu
B	Prodotti jew prodotti sekondarji ta' oriġini mill-annimali bħal ta' hawn taħt: Demm niexef miṫun Qwieqeb miṫuna Qrun miṫuna Għadam miṫun jew għadam miṫun mingħajr ġelatina Ħut miṫun Laħam miṫun Rix, xagħar u "chiquette" miṫuna Suf Pil (1) Xagħar Prodotti tal-ħalib Proteini idrolizzati (2)	(1) Konċentrazzjoni massima f'mg/kg ta' materja niexfa ta' kromju (VI): mhux osservabbli (2) Ma għandux jiġi applikat għall-partijiet tal-għalla li jittieklu
A	Prodotti u prodotti sekondarji ta' oriġini mill-pjanti għall-fertilizzanti	Eżempji: pasta taż-żrieragħ żejtnin, ħlifiet tal-kawkaw, rimjiet tal-malt
B	Proteini idrolizzati ta' oriġini mill-pjanti	
A	Alka u prodotti mill-alka	Sa fejn miksuba b'mod dirett minn: (i) proċessi fiżiċi li jinkludu d-diżidratazzjoni, l-iffriżar u t-ṫhin (ii) estrazzjoni bl-ilma jew b'soluzzjoni milwiema, aċiduża u/jew alkalina (iii) fermentazzjoni
A	Serratura u ċana	Injam mhux trattat bil-kimika wara t-tqaċċit
A	Qxur taz-zkuk magħmula kompost	Injam mhux trattat bil-kimika wara t-tqaċċit
A	Irmied mill-injam	Minn injam mhux trattat bil-kimika wara t-tqaċċit
A	Fosfat naturali artab	Prodott kif speċifikat fil-punt 7 tal-Anness IA.2. tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-fertilizzanti ([2]). Kontenut tal-kadmju inqas minn jew ugwali għal 90 mg/kg ta' P205
A	Fosfat tal-aluminju u tal-kalċju	Prodott kif speċifikat fil-punt 6 tal-Anness IA.2. tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003, Kontenut tal-kadmju inqas minn jew ugwali għal 90 mg/kg ta' P205 Użu limitat għall-ħamrija bażika (pH > 7,5)
A	Gagazza bażika	Prodott kif speċifikat fil-punt 1 tal-Anness IA.2. tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003,
A	Melħ tal-potassju grezz jew kainit	Prodott kif speċifikat fil-punt 1 tal-Anness IA.3. tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003,
A	Sulfat tal-potassju, li possibbilment jinkludi l-melħ tal-manjeżju	Prodott miksub minn melħ grezz tal-potassju permezz ta' proċess ta' estrazzjoni fiżika, li possibbilment ikun fih wkoll il-melħ tal-manjeżju

Awtorizzazzjoni	Isem Prodotti komposti jew prodotti li fihom biss materjali elenkati hawn taħt:	Deskrizzjoni, rekwiżiti tal-kompożizzjoni, kundizzjonijiet għall-użu
A	Meraq tad-distillerija u l-estratt tal-meraq tad-distillerija	Eskluża l-meraq tad-distillerija tal-ammonju
A	Karbonat tal-kalċju, pereżempju: (il-ġibs, it-tafal, il-ġebel tal-ġir miħun, il-litotamniju (maerl), il-ġibs tal-fosfat)	Unikament ta' oriġini naturali
B	Skart tal-molluski	Unikament mis-sajd sostenibbli, kif definit fl-Artikolu 4(1)(7) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jew mill-akkwakultura organika
B	Qxur tal-bajd	Hija pprojbita l-oriġini mill-agrikultura industrijali.
A	Karbonat tal-manjeżju u tal-kalċju	Unikament ta' oriġini naturali eż. il-ġibs tal-manjesju, il-manjeżju miħun, il-ġebla tal-ġir
A	Sulfat tal-manjeżju (kiserite)	Unikament ta' oriġini naturali
A	Soluzzjoni tal-klorur tal-kalċju	Trattament għall-weraq tas-siġar tat-tuffieħ, wara identifikazzjoni ta' nuqqas ta' kalċju
A	Sulfat tal-kalċju (gypsum)	Prodotti kif speċifikati fil-punt 1 tal-Anness ID tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003 Unikament ta' oriġini naturali
A, B	Ġibs industrijali mill-produzzjoni taz-zokkor	Prodott sekondarju tal-produzzjoni taz-zokkor mill-pitravi taz-zokkor u mill-kannamiela
A	Ġibs industrijali mill-produzzjoni ta' melħ raffinat	Prodott sekondarju ta' produzzjoni ta' melħ raffinat mill-ilma mielaħ li jinsab fil-muntanji
A	Kubrit elementari	Prodotti kif speċifikati fl-Anness ID.3 tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003
A	Oligoelementi	Mikronutrijenti inorganiċi elenkati fil-parti E tal-Anness I tar-Regolament 2003/2003
A	Klorur tas-sodju	
A	Frakass tal-ġebel u tafal	
B	Leonardite (Sediment organiku mhux ipproċessat rikk f'aċidi umiċi)	Unikament jekk jinkiseb bħala prodott sekondarju ta' attivitajiet ta' estrazzjoni minerarja
B	Aċidi umiċi u fulviċi	Unikament jekk jinkiseb minn imluħa/soluzzjonijiet inorganiċi minbarra l-imluħa tal-ammonju; jew li jinkisbu mill-purifikazzjoni tal-ilma tax-xorb
B	Ksilit	Unikament jekk jinkiseb bħala prodott sekondarju ta' attivitajiet ta' estrazzjoni minerarja (eż. prodott sekondarju tal-estrazzjoni minerarja tal-faħam kannella)
B	Kitin (Polisakkarid miksuba mill-qoxra tal-krustaċji)	Unikament jekk tinkiseb mis-sajd sostenibbli, kif definit fl-Artikolu 4(1)(7) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1380/2013 jew mill-akkwakultura organika
B	Sediment rikk f'materja organika li ġej minn korpi tal-ilma ħelu fformati skont: esklużjoni tal-ossiġenu (eż. is-sapropel)	Unikament sedimenti organiċi li huma prodotti sekondarji tal-ġestjoni tal-korpi tal-ilma ħelu jew estratti minn żoni li qabel kienu tal-ilma ħelu Fejn applikabbli, jenħtieġ li l-estrazzjoni ssir b'mod li tikkawża impatt minimu fuq is-sistema akkwatika Unikament sedimenti li ġejjin minn sorsi ħielsa minn kontaminazzjonijiet ta' pestiċidi, ta' pollutanti organiċi persistenti u ta' sustanzi simili għall-petrol Konċentrazzjonijiet massimi f'mg/kg ta' materja niexfa: kadmju: 0,7; ram: 70; nikil: 25; ċomb: 45; żingu: 200; merkurju: 0,4; kromju (total): 70; kromju (VI): mhux osservabbli

Awtorizzazzjoni	Isem Prodotti komposti jew prodotti li fihom biss materjali elenkati hawn taħt:	Deskrizzjoni, rekwiżiti tal-kompożizzjoni, kundizzjonijiet għall-użu
B	Bijochar — prodott tal-piroliżi magħmul minn varjetà wiesgħa ta' materjali organiċi li joriġinaw mill-pjanti u li jiġu applikati bħala kundizzjonatur tal-ħamrija	Unikament minn materjali ta' pjanti, trattati jew mhux trattati bi prodotti inklużi fl-Anness II. Il-valur massimu ta' 4 mg ta' idrokarburi aromatiċi poliċikliċi (PAHs) għal kull kg ta' materja niexfa (DM). Dan il-valur għandu jiġi rivedut kull sentejn, filwaqt li jitqies ir-riskju tal-akkumulazzjoni minħabba applikazzjonijiet multipli"

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 tal-25 ta' Frar 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi skont dik id-Direttiva (ĠU L 54, 26.2.2011, p. 1).

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 dwar il-fertilizzanti (ĠU L 304, 21.11.2003. p. 1).

ANNESS II

"ANNESS II

Pestiċidi — prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti msemmija fl-Artikolu 5(1)

Is-sustanzi kollha elenkati f'dan l-Anness għandhom jikkonformaw tal-anqas mal-kundizzjonijiet għall-użu kif speċifikat fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 ([1]). Kundizzjonijiet aktar restrittivi għall-użu fil-produzzjoni organika huma speċifikati fit-tieni kolonna ta' kull tabella.

1. **Sustanzi ta' oriġini mill-pjanti jew mill-annimali**

Isem	Deskrizzjoni, rekwiżiti kompożizzjonali, kundizzjonijiet għall-użu
Allium sativum (Estratt tat-tewm)	
Ażadiraktina estratta minn *Azadirachta indica* (Is-siġra tan-neem)	
Xama' tan-naħal	Unikament bħala aġent għaż-żbir/protezzjoni għall-feriti
COS-OGA	
Proteini idrolizzati minbarra l-ġelatina	
Laminarina	Il-kelp għandu jitkabbar organikament skont l-Artikolu 6d jew jinħasad b'mod sostenibbli skont l-Artikolu 6c.
Maltodestrina	
Feromoni	Unikament f'nases u f'distributuri.
Żjut tal-pjanti	Kull użu awtorizzat, ħlief bħala erbiċida.
Piretrini	unikament minn oriġini ta' pjanti
Quassia estratta minn *Quassia amara*	Unikament bħala Insettiċida, repellent
Repellents permezz ta' riħa ta' oriġini mill-annimali jew mill-pjanti/mix-xaħam tan-nagħaġ	Unikament fuq partijiet tal-għelejjel mhux tajbin għall-ikel u fejn materjal tal-għelejjel ma jiġix inġerit min-nagħaġ jew mill-mogħoż
Salix spp. Cortex (magħruf ukoll bħala l-qoxra tas-siġra taż-żafżafa)	
Terpeni (ewġenol, ġeranjol u timol)	

2. **Sustanzi bażiċi**

Sustanzi bażiċi bbażati fuq l-ikel (inkluż: Leċitini, sukrożju, fruttożju, ħall, xorrox, kloridrat tal-kitosan ([1]), u *Equisetum arvense* eċċ)	Unikament dawk is-sustanzi bażiċi kif definiti fl-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 ([2]) li huma ikel kif definit fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 u li għandhom oriġini mill-pjanti jew mill-annimali Sustanzi li m'għandhomx jintużaw bħala erbiċidi

([1]) Miksuba mis-sajd sostenibbli jew mill-akkwakultura organika.

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati (ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1).

3. **Mikroorganiżmi jew sustanzi prodotti minn mikroorganiżmi**

Isem	Deskrizzjoni, rekwiżiti kompożizzjonali, kundizzjonijiet għall-użu
Mikroorganiżmi	Li ma joriġinawx minn OĠM.
Spinosad	
Cerevisane	

4. **Sustanzi oħra għajr dawk imsemmija fit-Taqsimiet 1, 2 u 3**

Isem	Deskrizzjoni, rekwiżiti kompożizzjonali, kundizzjonijiet jew restrizzjonijiet għall-użu
Silikat tal-aluminju (Kaolin)	
Idrossidu tal-kalċju	Meta jintuża bħala fungiċida, fis-siġar tal-frott biss, inkluż fil-mixtliet, għall-kontroll tan-*Nectria galligena*
Diossidu tal-karbonju	
Komposti tar-ram fil-forma ta': idrossidu tar-ram, ossiklorur tar-ram, ossidu tar-ram, taħlita Bordeaux, u sulfat tar-ram tribażiku	
Fosfat tad-diammonju	Unikament bħala sustanzi speċifiċi li jattiraw fin-nases
Etilen	
Aċidu xaħmi	Kull użu awtorizzat, ħlief bħala erbiċida.
Il-fosfat ferriku (l-ortofosfat tal-ħadid (III))	Preparazzjonijiet li għandhom jindilku fil-wiċċ bejn il-pjanti kkultivati
Perossidu tal-idroġenu	
Kieselgur (trab tad-diatomi)	
Kubrit tal-ġir (polisulfur tal-kalċju)	
Żejt tal-paraffina	
Potassju u karbonat tal-idroġenu tas-sodju (magħruf ukoll bħala potassju/bikarbonat tas-sodju)	
Piretrojdi (deltametrina jew lambda-ċjalotrina biss)	Unikament f'nases b'sustanzi speċifiċi li jattiraw; unikament kontra l-*Bactrocera oleae* u l-*Ceratitis capitata* Wied
Ramel kwarzuż	
Klorur tas-sodju	Kull użu awtorizzat, ħlief bħala erbiċida.
Kubrit"	

ANNESS III

"ANNESS VI

Addittivi tal-għalf użati fin-nutrizzjoni tal-annimali msemmija fl-Artikolu 22(g), fl-Artikolu 24(2) u fl-Artikolu 25 m(2)

L-addittivi tal-għalf elenkati f'dan l-Anness iridu jiġu approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(*).

1. ADDITTIVI TEKNOLOĠIĊI

(a) *Preżervattivi*

Numri tal-identità jew Gruppi funzjonali		Sustanza	Deskrizzjoni u kundizzjonijiet għall-użu
	E 200	Aċidu sorbiku	
	E 236	Aċidu formiku	
	E 237	Format tas-sodju	
	E 260	Aċidu aċetiku	
	E 270	Aċidu lattiku	
	E 280	Aċidu propjoniku	
	E 330	Aċidu ċitriku	

(b) *Antiossidanti*

Numru tal-identità jew Gruppi funzjonali		Sustanza	Deskrizzjoni u kundizzjonijiet għall-użu
	1b306(i)	Estratti tat-tokoferol minn żjut veġetali	
	1b306(ii)	Estratti rikki bit-tokoferol minn żjut veġetali (rikki fit-tip delta)	

(c) *Emulsifikanti, stabiliżżaturi, aġenti tat-tgħaqqid, u aġenti ġelifikanti*

Numri tal-identità jew Gruppi funzjonali		Sustanza	Deskrizzjoni u kundizzjonijiet għall-użu
	1c322	Leċitini	Unikament meta jkunu ġejjin minn materja organika mhux ipproċessata.
			L-użu huwa ristrett għall-għalf tal-annimali tal-akkwakultura.

(d) *Leganti u antiagglomeranti*

Numru tal-identità jew Gruppi funzjonali		Sustanza	Deskrizzjoni u kundizzjonijiet għall-użu
	E 412	Gomma tal-gwar	
	E 535	Ferroċjanur tas-sodju	Ir-rata tad-doża massima hija ta' 20 mg/kg NaCl, ikkalkulata bħala anjon tal-ferroċjanur.

Numru tal-identità jew Gruppi funzjonali		Sustanza	Deskrizzjoni u kundizzjonijiet għall-użu
	E 551b	Silika kollojdali	
	E 551c	Kieselgur (trab tad-diatomi, ip-purifikat)	
	1m558i	Bentonit	
	E 559	Tafal tal-kawlina, mingħajr asbestos	
	E 560	Taħlitiet naturali ta' steatiti u klorit	
	E 561	Vermikulit	
	E 562	Sepjolit	
	E 566	Natrolit-Fonolit	
	1g568	Klinoptilolit ta' oriġini sedimentarja	
	E 599	Perlit	

(e) *Addittivi tal-foraġġ insilat*

Numru tal-identità jew Gruppi funzjonali	Sustanza	Deskrizzjoni u kundizzjonijiet għall-użu
1k 1k236	Enżimi, mikroorganiżmi Aċidu formiku,	L-użu huwa ristrett għall-produzzjoni tal-foraġġ insilat meta l-kundizzjonijiet tat-temp ma jippermettux fermentazzjoni adegwata. L-użu ta' aċidu propjoniku, formiku u tal-imluħ tas-sodju tagħhom fil-produzzjoni tal-għalf mill-ħaxix għandu jkun permess biss meta l-kundizzjonijiet klimatiċi ma jippermettux fermentazzjoni adegwata
1k237	Format tas-sodju	
1k280	Aċidu propjoniku	
1k281	Propjonat tas-sodju	

2. ADDITTIVI SENSORJI

Numru tal-identità jew Gruppi funzjonali	Sustanza	Deskrizzjoni u kundizzjonijiet għall-użu
2b	Komposti tat-taħwir	Unikament l-estratti minn prodotti agrikoli
	Castanea sativa Mill.: Estratt tal-qastan	

3. ADDITTIVI NUTRIZZJONALI

(a) *Vitamini, provitamini u sustanzi ddefiniti sew kimikament li jkollhom effett simili*

Numru tal-identità jew Gruppi funzjonali	Sustanza	Deskrizzjoni u kundizzjonijiet għall-użu
3a	Vitamini u provitamini	Derivati minn prodotti agrikoli. Jekk ikunu dderivati b'mod sintetiku, għall-annimali monogastriċi u għall-annimali tal-akkwakultura jistgħu jintużaw biss dawk li jkunu identiċi għall-vitamini li ġejjin mill-prodotti agrikoli.

Numru tal-identità jew Gruppi funzjonali	Sustanza	Deskrizzjoni u kundizzjonijiet għall-użu
		Jekk ikunu dderivati b'mod sintetiku, għall-annimali ruminanti jistgħu jintużaw biss vitamini A, D u E identiċi għall-vitamini li ġejjin mill-prodotti agrikoli; l-użu huwa soġġett għall-awtorizzazzjoni minn qabel mill-Istati Membri abbażi ta' valutazzjoni tal-possibbiltà li r-ruminanti organiċi jiksbu l-kwantitajiet neċessarji ta' dawn il-vitamini mir-razzjonijiet tal-għalf tagħhom.
3a920	Betaina anidra	Unikament għall-annimali monogastriċi Unikament minn oriġini naturali u meta jkun disponibbli minn oriġini organika

(b) *Komposti ta' oligoelementi*

	Numru tal-identità jew Gruppi funzjonali	Sustanza	Deskrizzjoni u kundizzjonijiet għall-użu
	E1 Ħadid		
	3b101	Karbonat tal-ħadid (II) (siderite)	
	3b103	Sulfat tal-ħadid (II) monoidrat	
	3b104	Sulfat tal-ħadid(II) ettaidrat	
	3b201	Jodjur tal-potassju	
	3b202	Jodat tal-kalċju, anidru	
	3b203	Jodat tal-kalċju, anidru miksi u granulat	
	3b301	Aċetat tal-kobalt(II) tetraidrat	
	3b302	Karbonat tal-kobalt(II)	
	3b303	Idrossidu karbonat tal-kobalt(II) (2:3) monoidrat	
	3b304	Idrossidu karbonat tal-kobalt granulat kopert(II) (2:3) monoidrat	
	3b305	Sulfat tal-kobalt(II) ettaidrat	
	3b402	Diidrossikarbonat tar-ram(II) monoidrat	
	3b404	Ossidu tar-ram (II)	
	3b405	Sulfat tar-ram(II) pentaidrat	
	3b409	Triidrossidu diklorur tad-diram (TBCC)	
	3b502	Ossidu tal-manganiż (II)	
	3b503	Sulfat manganuż, monoidrat	
	3b603	Ossidu taż-żingu	
	3b604	Sulfat taż-żingu ettaidrat	

	Numru tal-identità jew Gruppi funzjonali	Sustanza	Deskrizzjoni u kundizzjonijiet għall-użu
	3b605	Sulfat taż-żingu monoidrat	
	3b609	Idrossiklorur taż-żingu monoidrat (TBZC)	
	3b701	Molibdat tas-sodju diidrat	
	3b801	Selenit tas-sodju	
	3b810, 3b811, 3b812, 3b813 u 3b817	~~H~~mira selenizzata inattivata	

4. ADDITTIVI ŻOOTEKNIĊI

Numru tal-identità jew Gruppi funzjonali gruppi	Sustanza	Deskrizzjoni, kundizzjonijiet għal użu
4a, 4b, 4c u 4d	Enżimi u mikroorganiżmi fil-kategorija ta' "Additttivi żootekniċi""	

ANNESS IV

"ANNESS VIII

Ċerti prodotti u sustanzi għall-użu fil-produzzjoni ta' ikel organiku pproċessat, ħmira u prodotti tal-ħmira (imsemmija fl-Artikolu 27(1)(a) u fl-Artikolu 27a(a)

TAQSIMA A — L-ADDITTIVI TAL-IKEL, INKLUŻI T-TRASPORTATURI

Għall-iskop tal-kalkolu msemmi fl-Artikolu 23(4)(a)(ii) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, l-additttivi tal-ikel immarkati b'asterisk fil-kolonna tan-numru tal-kodiċi, għandhom jitqiesu bħala ingredjenti ta' oriġini agrikola.

Kodiċi	Isem	Preparazzjoni ta' prodotti tal-ikel ta'		Kundizzjonijiet u restrizzjonijiet speċifiċi flimkien mar-Regolament (KE) Nru 1333/2008
		oriġini mill-pjanti	annimali tal-oriġini	
E 153	Karbonju veġetali		X	Ġobon tal-mogħża kopert bl-irmied Ġobon Morbier
E 160b*	Annatto, Bixin, Norbixin		X	Ġobon Red Leicester Ġobon Double Gloucester Cheddar Ġobon Mimolette
E 170	Karbonat tal-kalċju	X	X	Ma għandux jintuża għall-kulur jew għall-arrikiment tal-kalċju fil-prodotti
E 220	Diossidu tal-kubrit	X	X (Unikament għall-idromel)	Fi nbejjed tal-frott (inbid magħmul minn frott minbarra l-għeneb, inkluż is-sidru u s-sidru tal-lanġas) u l-idromel biz-zokkor miżjud jew mingħajru: 100 mg/l (Il-livelli massimi disponibbli mis-sorsi kollha, espressi bħala SO_2 f'mg/l)
E 223	Metabisulfit tas-sodju		X	Krustaċji
E 224	Metabisulfit tal-potassju	X	X (Unikament għall-idromel)	F'inbejjed tal-frott (inbid magħmul minn frott minbarra l-għeneb, inkluż is-sidru u s-sidru tal-lanġas) u l-idromel biz-zokkor miżjud jew mingħajru: 100 mg/l (Il-livelli massimi disponibbli mis-sorsi kollha, espressi bħala SO_2 f'mg/l)
E250	Nitrit tas-sodju		X	Għall-prodotti tal-laħam. Dan l-additttiv jista' jintuża biss jekk ikun intwera, għas-sodisfazzjoni tal-awtorità kompetenti, li m'hi disponibbli l-ebda alternattiva teknoloġika, li tagħti l-istess garanziji u/jew li tippermetti li jinżammu l-karatteristiċi speċifiċi tal-prodott.. Mhux flimkien ma' E252. Ammont indikattiv ta' dħul espress bħala $NaNO_2$: 80 mg/kg, l-ammont massimu ta' residwu espress bħala $NaNO_2$: 50 mg/kg
E252	Nitrat tal-potassju		X	Għall-prodotti tal-laħam. Dan l-additttiv jista' jintuża biss jekk ikun intwera, għas-sodisfazzjoni tal-awtorità kompetenti, li m'hi disponibbli l-ebda alternattiva teknoloġika, li tagħti l-istess garanziji u/jew li tippermetti li jinżammu l-karatteristiċi speċifiċi tal-prodott. Mhux flimkien ma' E250. Ammont indikattiv ta' dħul espress bħala $NaNO_3$: 80 mg/kg, l-ammont massimu ta' residwu espress bħala $NaNO_3$: 50 mg/kg

Kodiċi	Isem	Preparazzjoni ta' prodotti tal-ikel ta'		Kundizzjonijiet u restrizzjonijiet speċifiċi flimkien mar-Regolament (KE) Nru 1333/2008
		oriġini mill-pjanti	annimali tal-oriġini	
E 270	Aċidu lattiku	X	X	
E 290	Diossidu tal-karbonju	X	X	
E 296	Aċidu maliku	X		
E 300	Aċidu askorbiku	X	X	Fir-rigward tal-oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-annimali: Prodotti tal-laħam
E 301	Askorbat tas-sodju		X	Fir-rigward tal-oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-annimali: Prodotti tal-laħam marbuta man-nitrati u man-nitriti
E 306(*)	Estratt rikk bit-tokoferol	X	X	Antiossidant
E 322(*)	Leċitini	X	X	Fir-rigward tal-oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-annimali: Prodotti tal-ħalib Unikament meta jkunu ġejjin mill-produzzjoni organika. Applikabbli mill-1 ta' Jannar 2022. Sa dik id-data, biss meta jkunu ġejjin minn materja prima organika.
E 325	Lattat tas-sodju		X	Prodotti b'bażi tal-ħalib u tal-laħam
E 330	Aċidu ċitriku	X	X	
E 331	Ċitrati tas-sodju	X	X	
E 333	Ċitrati tal-kalċju	X		
E 334	Aċidu tartariku (L(+)-)	X	X (Unikament għall-idromel)	Fir-rigward tal-oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-annimali: Idromel.
E 335	Tartrati tas-sodju	X		
E 336	Tartrati tal-potassju	X		
E 341 (i)	Fosfat tal-monokalċju	X		Aġent levitanti għad-dqiq self raising
E 392*	Estratti ta' Klin	X	X	Unikament meta jkunu ġejjin mill-produzzjoni organika
E 400	Aċidu alġiniku	X	X	Fir-rigward tal-oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-annimali: prodotti b'bażi tal-ħalib;
E 401	Alġinat tas-sodju	X	X	Fir-rigward tal-oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-annimali: prodotti b'bażi tal-ħalib;
E 402	Alġinat tal-potassju	X	X	Fir-rigward tal-oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-annimali: prodotti b'bażi tal-ħalib;
E 406	Agar	X	X	Fir-rigward tal-oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-annimali: Prodotti b'bażi tal-ħalib u tal-laħam
E 407	Karraġenina	X	X	Fir-rigward tal-oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-annimali: prodotti b'bażi tal-ħalib;
E 410*	Gomma tal-ħarrub	X	X	Unikament meta jkunu ġejjin mill-produzzjoni organika. Applikabbli mill-1 ta' Jannar 2022.

Kodiċi	Isem	Preparazzjoni ta' prodotti tal-ikel ta'		Kundizzjonijiet u restrizzjonijiet speċifiċi flimkien mar-Regolament (KE) Nru 1333/2008
		oriġini mill-pjanti	annimali tal-oriġini	
E 412*	Gomma tal-gwar	X	X	Unikament meta jkunu ġejjin mill-produzzjoni organika. Applikabbli mill-1 ta' Jannar 2022.
E 414*	Gomma arabika	X	X	Unikament meta jkunu ġejjin mill-produzzjoni organika. Applikabbli mill-1 ta' Jannar 2022.
E 415	Gomma ta' ksantan	X	X	
E 417	Trab tal-gomma ta' tara	X	X	Aġent li jgħaqqad Unikament meta jkunu ġejjin mill-produzzjoni organika. Applikabbli mill-1 ta' Jannar 2022.
E 418	Gomma tal-ġellan	X	X	Unikament b'indiċi elevat tal-aċil Unikament meta jkunu ġejjin mill-produzzjoni organika. Applikabbli mill-1 ta' Jannar 2022.
E 422	Gliċerol	X	X	Unikament minn oriġini ta' pjanti Unikament meta jkunu ġejjin mill-produzzjoni organika. Applikabbli mill-1 ta' Jannar 2022. Għall-estratti ta' pjanti, taħwir,, umidifikant f'kapsuli tal-ġel u bħala kisi tal-wiċċ ta' pilloli
E 440 (i)*	Pektin	X	X	Fir-rigward tal-oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-annimali: prodotti b'bażi tal-ħalib;
E 464	Idrossipropil metilċellulożа	X	X	Materjal ta' enkapsulament għal kapsula
E 500	Karbonati tas-sodju	X	X	
E 501	Karbonati tal-potassju	X		
E 503	Karbonati tal-ammonju	X		
E 504	Karbonati tal-manjeżju	X		
E 509	Klorur tal-kalċju		X	Koagulazzjoni tal-ħalib
E 516	Sulfat tal-kalċju	X		Trasportatur
E 524	Idrossidu tas-sodju	X		Trattament tas-superfiċe tal-"Laugengebäck" u regolar tal-aċidità fit-taħwir organiku
E 551	Diossidu tas-silikon	X	X	Għall-ħxejjex aromatiċi u l-ħwawar f'forma ta' trab niexef, għat-taħwir u għaż-żaftur
E 553b	Talkum	X	X	Fir-rigward tal-oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-annimali: trattament superfiċjali taz-zalzett
E 901	Xama' tan-naħal	X		Unikament bħala aġent tal-kisi għall-prodotti tal-ħelu. Xama' tan-naħal minn produzzjoni organika
E 903	Xama' tal-karnawba	X		Bħala aġent tal-kisi għall-prodotti tal-ħelu biss. Bħala metodu ta' mitigazzjoni għat-trattament kiesaħ estrem obbligatorju tal-frott bħala miżura ta' kwarantina kontra organiżmi ta' ħsara (id-Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1279) ([1]) Unikament meta jkun ġej minn produzzjoni organika Applikabbli biss mill-1 ta' Jannar 2022. Sa dik id-data, unikament meta jkunu ġejjin minn materja prima organika.

Kodiċi	Isem	Preparazzjoni ta' prodotti tal-ikel ta'		Kundizzjonijiet u restrizzjonijiet speċifiċi flimkien mar-Regolament (KE) Nru 1333/2008
		oriġini mill-pjanti	annimali tal-oriġini	
E 938	Argon	X	X	
E 939	Elju	X	X	
E 941	Nitroġenu	X	X	
E 948	Ossiġenu	X	X	
E 968	Eritritol	X	X	Unikament meta jkunu ġejjin mill-produzzjoni organika mingħajr l-użu ta' teknoloġija ta' skambju ta' joni"

([1]) Id-Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1279 tal-14 ta' Lulju 2017 li temenda l-Annessi I sa V tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità (ĠU L 184, 15.7.2017, p. 33).

TAQSIMA B — L-GĦAJNUNIET GĦALL-IPPROĊESSAR U PRODOTTI OĦRA, LI JISTGĦU JINTUŻAW GĦALL-IPPROĊESSAR TA' INGREDJENTI TA' ORIĠINI AGRIKOLA MILL-PRODUZZJONI ORGANIKA

Isem	Preparazzjoni ta' prodotti tal-ikel ta' oriġini mill-pjanti	Preparazzjoni ta' prodotti tal-ikel ta' oriġini mill-annimali	Kundizzjonijiet u restrizzjonijiet speċifiċi flimkien mar-Regolament (UE) Nru 1333/2008
Ilma	X	X	Ilma tax-xorb fit-tifsira tad-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE
Klorur tal-kalċju	X		Aġent koagulanti
Karbonat tal-kalċju	X		
Idrossidu tal-kalċju	X		
Sulfat tal-kalċju	X		Aġent koagulanti
Klorur tal-manjeżju (jew nigari)	X		Aġent koagulanti
Karbonat tal-potassju	X		Fir-rigward ta' oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-pjanti: tnixxif tal-għeneb
Karbonat tas-sodju	X	X	
Aċidu lattiku		X	Fir-rigward tal-oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-annimali: għar-regolar tal-pH tal-banju tas-salmura fil-produzzjoni tal-ġobon
L(+)aċidu lattiku mill-fermentazzjoni	X		Fir-rigward ta' oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-pjanti: għall-preparazzjoni ta' estratti tal-proteini tal-pjanti
Aċidu ċitriku	X	X	
Idrossidu tas-sodju	X		Fir-rigward ta' oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-pjanti: għall-produzzjoni taz-zokkor (zokkrijiet); għall-produzzjoni taż-żejt eskluż il-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa; għall-preparazzjoni ta' estratti tal-proteini tal-pjanti
Aċidu sulfuriku	X	X	Produzzjoni tal-ġelatina Produzzjoni taz-zokkor (zokkrijiet)
Estratt tal-ħop	X		Fir-rigward ta' oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-pjanti: unikament għal skopijiet antimikrobiċi fil-produzzjoni taz-zokkor. Meta jkunu disponibbli mill-produzzjoni organika

Isem	Preparazzjoni ta' prodotti tal-ikel ta' oriġini mill-pjanti	Preparazzjoni ta' prodotti tal-ikel ta' oriġini mill-annimali	Kundizzjonijiet u restrizzjonijiet speċifiċi flimkien mar-Regolament (UE) Nru 1333/2008
Estratt tar-rożin tal-arżnu	X		Fir-rigward ta' oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-pjanti: unikament għal skopijiet antimikrobiċi fil-produzzjoni taz-zokkor. Meta jkunu disponibbli mill-produzzjoni organika
Aċidu idrokloriku		X	Fir-rigward ta' oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-annimali: Produzzjoni tal-ġelatina; għar-regolazzjoni tal-pH tal-banju tas-salmura fl-ipproċessar tal-ġobnijiet Gouda, Edam u Maasdammer, Boerenkaas, Friese u Leidse Nagelkaas
Idrossidu tal-ammonju		X	Fir-rigward ta' oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-annimali: Produzzjoni tal-ġelatina
Perossidu tal-idroġenu		X	Fir-rigward ta' oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-annimali: produzzjoni tal-ġelatina
Diossidu tal-karbonju	X	X	
Nitroġenu	X	X	
Etanol	X	X	Solvent
Aċidu tanniku	X		Għajnuna għall-filtrazzjoni
Albumina tal-abjad tal-bajd	X		
Kaseina	X		
Ġelatina	X		
Isinglass	X		
Żjut veġetali	X	X	Aġent għad-dlik, kontra t-twaħħil jew kontra r-ragħwa. Unikament meta jkunu ġejjin mill-produzzjoni organika
Ġell tad-diossidu tas-siliċju jew soluzzjoni kollojdali	X		
Karbonju attivat	X		
Talkum	X		F'konformità mal-kriterji speċifiċi ta' purità għall-addittiv tal-ikel E 553b
Bentonit	X	X	Fir-rigward ta' oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-annimali: bħala aġent adeżiv għall-idromel
Ċelluloża	X	X	Fir-rigward ta' oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-annimali: Produzzjoni tal-ġelatina
Trab tad-diatomi	X	X	Fir-rigward ta' oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-annimali: Produzzjoni tal-ġelatina
Perlit	X	X	Fir-rigward ta' oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-annimali: Produzzjoni tal-ġelatina
Qxur tal-ġellewż	X		
Grixa tar-ross	X		
Xama' tan-naħal	X		Aġent kontra t-twaħħil Xama' tan-naħal minn produzzjoni organika

Isem	Preparazzjoni ta' prodotti tal-ikel ta' oriġini mill-pjanti	Preparazzjoni ta' prodotti tal-ikel ta' oriġini mill-annimali	Kundizzjonijiet u restrizzjonijiet speċifiċi flimkien mar-Regolament (UE) Nru 1333/2008
Xama' tal-karnawba	X		Aġent kontra t-twaħħil Applikabbli mill-1 ta' Jannar 2022. Sa dik id-data, unikament meta jkunu ġejjin minn materja prima organika Unikament meta jkunu ġejjin mill-produzzjoni organika.
Aċidu aċetiku/ħall		X	Unikament meta jkunu ġejjin mill-produzzjoni organika. Unikament għall-ipproċessar tal-ħut. Minn fermentazzjoni naturali, li ma għandhiex tkun prodotta minn OĠM jew minn OĠM
Kloridrat tat-tijamina	X	X	Unikament għall-użu fl-ipproċessar tal-inbejjed tal-frott, inkluż is-sidru u s-sidru tal-lanġas u l-idromel
Fosfat tad-diammonju	X	X	Unikament għall-użu fl-ipproċessar tal-inbejjed tal-frott, inkluż is-sidru u s-sidru tal-lanġas u l-għasel iffermentat
Fibra tal-injam	X	X	Is-sors tal-injam għandu jkun ristrett għal injam iċċertifikat, mill-ħsad sostenibbli. L-injam użat ma jridx ikun fih komponenti tossiċi (trattament ta' wara l-ħsad, tossini li jfeġġu b'mod naturali jew tossini minn mikroorganiżmi)

TAQSIMA C — L-GĦAJNUNIET GĦALL-IPPROĊESSAR GĦALL-PRODUZZJONI TAL-ĦMIRA U TAL-PRODOTTI TAL-ĦMIRA

Isem	Ħmira primarja	Taħlitiet/ formulazzjonijiet tal-ħmira	Kundizzjonijiet speċifiċi
Klorur tal-kalċju	X		
Diossidu tal-karbonju	X	X	
Aċidu ċitriku	X		Għar-regolar tal-pH fil-produzzjoni tal-ħmira
Aċidu lattiku	X		Għar-regolar tal-pH fil-produzzjoni tal-ħmira
Nitroġenu	X	X	
Ossiġenu	X	X	
Lamtu tal-patata	X	X	Għall-iffiltrar Unikament meta jkunu ġejjin mill-produzzjoni organika
Karbonat tas-sodju	X	X	Għar-regolar tal-pH
Żjut veġetali	X	X	Aġent għad-dlik, kontra t-twaħħil jew kontra r-ragħwa Unikament meta jkun ġej minn produzzjoni organika"

ANNESS V

"ANNESS VIIIa

Prodotti u sustanzi awtorizzati għall-użu jew bħala addizzjoni fil-prodotti organiċi tas-settur tal-inbid imsemmija fl-Artikolu 29c

Tip ta' trattament f'konformità mal-Anness IA tar-Regolament (KE) Nru 606/2009	Isem il-prodotti jew is-sustanzi	Kundizzjonijiet speċifiċi, restrizzjonijiet fil-limiti u l-kundizzjonijiet stipulati fir-Regolamenti (KE) Nru 1234/2007 u r-Regolament (KE) Nru 606/2009
Punt 1: Użu għall-arjazzjoni jew għall-ossiġenazzjoni	— Arja — Ossiġenu gassuż	
Punt 3: Ċentrifuġu u filtrazzjoni	— Perlit — Ċelluloża — Trab tad-diatomi	Jintuża biss bħala aġent inert tal-filtrazzjoni
Punt 4: L-użu sabiex tinħoloq atmosfera inerta u biex jiġi mmaniġġjat il-prodott protett mill-arja	— Nitroġenu — Diossidu tal-karbonju — L-argon	
Punti 5, 15 u 21: Użu	— Ħmira [1], qxur tal-ħmira	
Punt 6: Użu	— Fosfat tad-diammonju — Kloridrat tat-tijamina — Awtolisati tal-ħmira	
Punt 7: Użu	— Diossidu tal-kubrit — Bisulfit tal-potassju jew metabisulfit tal-potassju	(a) Il-kontenut massimu tad-diossidu tal-kubrit ma għandux jaqbeż il-100 milligramma kull litru għall-inbejjed ħomor kif imsemmija fil-Punt 1(a) tal-Parti A tal-Anness I.B tar-Regolament (KE) Nru 606/2009 u b'livell taz-zokkor residwu ta' inqas minn 2 grammi kull litru (b) Il-kontenut massimu tad-diossidu tal-kubrit m'għandux jaqbeż il-150 milligramma kull litru għall-inbejjed rożè kif imsemmija fil-Punt 1 (b) tal-Parti A tal-Anness I.B tar-Regolament (KE) Nru 606/2009 u b'livell taz-zokkor residwu ta' inqas minn 2 grammi kull litru (c) Għall-inbejjed kollha l-oħra, il-kontenut massimu tad-diossidu tal-kubrit applikat skont l-Anness I.B tar-Regolament (KE) Nru 606/2009 fl-1 ta' Awwissu 2010, għandu jitnaqqas bi 30 milligramma kull litru.
Punt 9: Użu	— Karbonju għall-użu enoloġiku	
Punt 10: Kjarifikazzjoni	— Ġelatina tajba għall-ikel [2] — Proteini veġetali mill-qamħ jew mill-piżelli [2] — Isinglass [2] — Albumina tal-abjad tal-bajd [2] — Tannini [2] — Proteini tal-patata [2] — Estratti tal-proteina tal-ħmira [2] — Kaseina — Kitosan derivat mill-*Aspergillus niger* — Kaseinat tal-potassju — Diossidu tas-silikon — Bentonit — Enżimi pektolitiċi	

Tip ta' trattament f'konformità mal-Anness IA tar-Regolament (KE) Nru 606/2009	Isem il-prodotti jew is-sustanzi	Kundizzjonijiet speċifiċi, restrizzjonijiet fil-limiti u l-kundizzjonijiet stipulati fir-Regolamenti (KE) Nru 1234/2007 u r-Regolament (KE) Nru 606/2009
Punt 12: Użu għall-finijiet ta' aċidifikazzjoni	— Aċidu lattiku — Aċidu L(+) tartariku	
Punt 13: Użu għall-finijiet tad-deaċidifikazzjoni	— Aċidu L(+) tartariku — Karbonat tal-kalċju — Tartrat newtrali tal-potassju — Bikarbonat tal-potassju	
Punt 14: Żieda	— Raża tal-iżnuber	
Punt 17: Użu	— Batterja lattika	
Punt 19: Żieda	— Aċidu L-askorbiku	
Punt 22: Użu għall-gassifikazzjoni	— Nitroġenu	
Punt 23: Żieda	— Diossidu tal-karbonju	
Punt 24: Żieda għall-finijiet ta' stabbilizzazzjoni tal-inbid	— Aċidu ċitriku	
Punt 25: Żieda	— Tannini ([2])	
Punt 27: Żieda	— Aċidu metatartariku	
Punt 28: Użu	— Gomma tal-akaċja ([2]) (= gomma arabika)	
Punt 30: Użu	— Bitartrat tal-potassju	
Punt 31: Użu	— Ċitrat kuprikum	
Punt 35: Użu	— Mannoproteini tal-ħmira	
Punt 38: Użu	— Laqx tal-ballut	
Punt 39: Użu	— Alġinat tal-potassju	
Punt 44: Użu	— Kitosan derivat mill-*Aspergillus niger*	
Punt 51: Użu	— Ħmira inattivata	
Tip ta' trattament f'konformità mal-Anness III, il-punt A.2(b) tar-Regolament (KE) Nru 606/2009	— Sulfat tal-kalċju	Unikament għall-"vino generoso" jew għall-"vino generoso de licor""

([1]) Għall-varjanti individwali tal-ħmira: jekk disponibbli, derivati minn materja prima organika.
([2]) Derivat minn materja prima organika jekk disponibbli.